MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 197/2012

**Antonio Polidano u Mary Rose Polidano già Cauchi f'isimhom proprju u kif ukoll bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minorenni Antonella Polidano**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Antonio Polidano u Mary Rose Polidano f'isimhom personali u bhala kuraturi *ad litem* ta' binthom minorenni Antonella Polidano fid-19 ta' Gunju 2012, permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jiddikjara li: (i) it-talba ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali u/jew penali tal-Kummissarju tat-Taxxi hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jannulla u jhassar il-Likwidazzjoni rapprezentanti taxxa addizzjonali u/jew penali dwar il-valur tal-proprjetà immobbli li giet trasferita lil binthom Antonella Polidano permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor

Patrizia Mallia datat 4 ta' Gunju 2009, hekk kif maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentement jannulla u jhassar id-decizjoni ta' l-istess Kummissarju datata 22 ta' Mejju 2012 kwantu ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali u/jew penali minnu determinata permezz ta' l-istess decizjoni, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li t-Tribunal joghgbu jaghmel; (ii) subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, kemm-il darba l-istess aggravju ma jigix milqugh, jiddikjara li l-prezz dikjarat fil-kuntratt ta' donazzjoni u l-eventwali hlas ta' taxxa jirrifletti l-valur veru, gust u reali u konsegwentement l-ebda ammont ma hu dovut minnhom lill-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentment jannulla u jhassar il-Likwidazzjoni rapprezentanti taxxa addizzjonali u/jew penali dwar il-valur tal-proprjetà immobbli li giet trasferita lilhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrizia Mallia datat 4 ta' Gunju 2009, hekk kif maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentement jannulla u jhassar id-decizjoni ta' l-istess Kummissarju datata 22 ta' Mejju 2012 kwantu ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali u/jew penali minnu determinata permezz ta' l-istess decizjoni; (iii) alternattivament, inaqqas il-Likwidazzjoni rapprezentanti taxxa addizzjonali u/jew penali dwar il-valur tal-proprjetà immobbli hekk kif donata permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrizia Mallia datat 4 ta' Gunju 2009, hekk kif maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi; konsegwentement jirriforma d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 22 ta' Mejju 2012 billi jnaqqas it-taxxa addizzjonali u/jew penali hemm determinata kwantu ghall-hlas ta' taxxa addizzjonali u/jew penali permezz ta' l-istess decizjoni, prevja kull dikjarazzjoni li t-Tribunal joghgbu jaghmel; u (iv) jaghti dawk l-ordnijiet kollha dwar il-Likwidazzjoni u d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa, li jidhrulu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz; bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors ta' l-Appell markati Dok. "AP1" sa' Dok. "AP5" a fol. 9 sa' 26 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) già Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrenti proprio et nomine u jitlob li l-

istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li d-decizjoni tat-22 ta’ Mejju 2012 u l-Likwidazzjoni huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2012[1] fejn il-partijiet kontendenti talbu li f’dan l-istadju tal-proceduri t-Tribunal jillimita s-smigh tal-provi ghall-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti proprio et nomine u jaghti sentenza dwar l-istess qabel ma jittratta l-mertu;

Sema’ x-xhieda ta’ Antonio Polidano u ta’ Ivan Portelli in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) moghtija waqt is-seduta tat-12 ta’ Novembru 2012;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti proprio et nomine jikkontestaw id-decizjoni tad-Direttur Generali (Taxxi Interni) moghtija fit-22 ta’ Mejju 2012[2] permezz ta’ liema irrifjuta l-oggezzjoni taghhom ghall-Likwidazzjoni mahruga fir-rigward tat-trasferiment ta’ proprjetà immobbli favur taghhom bis-sahha ta’ l-kuntratt datat 4 ta’ Gunju 2009 u kkonferma l-istess Likwidazzjoni fejn iddetermina li l-valur taxxabbli tat-trasferiment huwa ta’ €151,400 iktar minn dak dikjarat fl-att u b’hekk hija minnhom dovuta taxxa ulterjuri fl-ammont ta’ €7,042 u taxxa addizzjonali/penali fl-ammont ta’ €7,042. Il-kontestazzjoni taghhom ghad-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta’ l-Intimat hija fis-sens illi preliminarjament u fl-ewwel lok it-talba ta’ l-Intimat hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-meritu li l-valur tal-proprjetà kif dikjarat fil-kuntratt ta’ trasferiment huwa l-valur veru, gust u reali ta’ l-istess proprjetà. Fid-dawl ta’ tali kontestazzjoni jitolbu li d-decizjoni u konsegwenti Likwidazzjoni ta’ l-Intimat jigu revokati u mhassar *in toto* jew alternattivament li jigu riformati billi l-ammont ta’ taxxa ulterjuri dovuta u l-ammont ta’ taxxa addizzjonali/penali imposti jigu imnaqqsa.

[1] Fol. 43 tal-process.
[2] Dok. “AP1” fol. 9 sa’ 11.

L-Intimat jopponi ghat-talbiet tar-Rikorrenti proprio et nomine u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, stante li d-decizjoni tat-22 ta' Mejju 2012 u l-konsegwenti Likwidazzjoni huma gusti u saru skond il-Ligi.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u determinata hija dik sollevata mir-Rikorrenti proprio et nomine bl-ewwel aggravju taghhom, u cioè li it-talba ta' l-Intimat fil-konfront taghhom hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-Likwidazzjoni originali mahruga kontrihom qatt ma giet notifikata lilhom. Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Att, it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni kemm jista' jkun malajr u ghal dan il-ghan ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza, kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-fehma tat-Tribunal f'dan il-kaz tali artikolu tal-Ligi ma jistax u ma ghandux jigi applikat ghaliex l-applikazzjoni tieghu fid-dawl ta' l-import ta' l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti proprio et nomine jista' jkun ta' pregudizzju ghall-partijiet kontendenti, senjatament f'termini ta' tul ta' zmien partikolarment kemm-il darba tali aggravju kellu jirrizulta gustifikat u b'hekk jigi milqugh. Dan il-hsieb tat-Tribunal jirrizulta kondiviz mill-partijiet kontendenti li waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2012[3] talbu lit-Tribunal biex f'dan l-istadju jillimita s-smigh tal-provi ghall-aggravju tad-dekadenza sollevat mir-Rikorrenti proprio et nomine u li jaghti sentenza dwar l-istess qabel ma jidhol fil-meritu ta' l-Appell.

L-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *salvi d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju jista' jaghmel stima skont kif hemm provdut f'dan l-artikolu f'kull zmien, <u>fi zmien sena mill-jum li fih il-Kummissarju jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-Artikolu 51</u>[4]: Izda fil-kaz ta' avviz dwar dikjarazzjoni ta' trasferiment*

[3] Fol. 43 tal-process.
[4] Sottolinear tat-Tribunal.

*causa mortis dik l-istima ghandha ssir fi zmien erba' snin*[5] *minn meta dak l-avviz ikun gie ricevut*.

L-istima ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta tinhareg mill-Kummissarju tat-Taxxi, illum Direttur Generali (Taxxi Interni) meta jkun sodisfatt li l-prezz jew dak li jkollu jinghata bi hlas jew valur ghal immobbli kif dikjarat f'kuntratt ta' trasferiment jew f'dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* a tenur ta' l-Artikolu 33 ta' l-Att, ikun inqas minn 85% tal-valur reali jew ta' dak li jkollu jinghata bi hlas kif stabbilit mill-Kummissarju, jew ikun inqas minn dak li jkollu jinghata bi hlas li jirrizulta lill-Kummissarju li jkun fil-fatt thallas ma' l-att, jew meta dikjarazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 33 ta' l-Att ma tkunx saret. F'din l-istima il-Kummissarju jiddeciedi l-ammont ta' taxxa dovuta fuq id-differenza bejn il-valur jew dak li jkollu jinghata bi hlas dikjarat fil-kuntratt u l-valur jew dak li jkollu jinghata bi hlas ghall-immobbli kif stabbilit jew kif jirrizulta lill-Kummissarju li jkun attwalment thallas jew it-taxxa li kellha tithallas fuq id-dikjarazzjoni; li hija allura l-istima mahruga mill-Intimat fil-konfront tar-Rikorrenti proprio et nomine fil-kaz in ezami.

L-Avviz ai termini ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Avviz li jrid jinghata minn Nutar li jircievi att ta' trasferiment ta' xi proprjetà immobbli jew att li jkun fih dikjarazzjoni maghmula skond l-Artikolu 33 (dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis*) sew jekk dak l-att ikun suggett ghat-taxxa skond l-Att jew le, fi zmien 40 gurnata mid-data tat-trasferiment, liema Avviz jinghata flimkien mal-hlas tat-taxxa jekk ikun hemm.

Ghalkemm solitament fi proceduri ta' din in-natura d-Direttur Generali (Taxxi Interni) jesebixxi l-Avviz li d-Dipartiment ikun ircieva minghand in-Nutar dwar it-trasferiment, fil-kaz in ezami dan id-dokument ghal xi raguni ma giex esebit. Ma hemmx dubju però li l-Avviz inghata ghar-raguni li l-Intimat stess jikkontendi li kienet inharget stima ai termini tal-Ligi fil-konfront tar-Rikorrenti proprio et nomine li skontu giet lilhom notifikata fis-26 ta'

[5] Qabel l-emenda introdotta bl-Att IV ta' l-2011 il-Ligi kienet tipprovdi ghal temrinu ta' sitt snin.

Novembru 2009. Fil-fehma tat-Tribunal dan ghalhekk ifisser li **f'xi zmien bejn l-4 ta' Gunju 2009, id-data tat-trasferiment meritu tal-proceduri, u is-26 ta' Novembru 2009, id-data meta skond l-Intimat l-istima mahruga minnu giet notifikata lir-Rikorrenti proprio et nomine**, l-Avviz a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta inbaghat min-Nutar Patrizia Mallia lill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ghalkemm fil-kaz in ezami l-imsemmi Avviz ma giex esebit u allura d-data meta l-Kummissarju tat-Taxxi gie infurmat bit-trasferiment favur ir-Rikorrenti proprio et nomine ma hijiex maghrufa, it-Tribunal xorta wahda huwa f'posizzjoni jikkonkludi li r-Rikorrenti proprio et nomine ma gewx notifikati bl-istima mahruga kontrihom mill-Intimat fis-26 ta' Novembru 2009 kif minnu pretiz, izda li l-ewwel darba li gew a konoxxenza tal-pretensjoni ta' l-Intimat fil-konfront taghhom fir-rigward tat-trasferiment meritu ta' dawn il-proceduri kien bl-ittra ufficjali datata 3 ta' Jannar 2012. It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi li l-istima tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrenti proprio et nomine ma gietx lilhom notifikata entro t-terminu ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jigi osservat illi t-terminu ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta huwa terminu ta' dekandenza u mhux semplicement ta' preskrizzjoni, li jfisser ghalhekk li una volta dekors tali terminu inutilment il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax jipprocedi fil-konfront tat-*tax payer* ghall-gbir ta' taxxa u imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali/penali u ma hemmx lok ghar-rinunzja tat-terminu dekors. Apparte minnhekk entro tali terminu ta' sena l-Kummissarju ghandu mhux biss johrog l-istima ai termini ta' l-Artikolu 52 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tat-*tax payer*, izda ghandu wkoll jinnotifika dik l-istess stima lit-*tax payer*[6].

Ivan Portelli, rapprezentant ta' l-Intimat li xehed waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, ma kienx f'posizzjoni jghid b'certezza li l-istima mahruga mill-Intimat fil-konfront

[6] Artikoli 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

tar-Rikorrenti proprio et nomine in konnessjoni mat-trasferiment esegwit bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia datat 4 ta' Gunju 2009 giet effettivament notifikata lilhom fis-26 ta' Novembru 2009, anzi jghid li *ma nistax b'certezza nghid li twassal ghal ghand it-tax payer*. Minn din l-istess xhieda johrog car li l-Intimat jibbaza l-pretensjoni tieghu li l-istima giet notifikata lir-Rikorrenti proprio et nomine fis-26 ta' Novembru 2009, semplicement ghaliex ma ghandux *returned envelope* relattiv ghall-istess stima. It-Tribunal però ma jistax jaccetta tali premessa bhala prova konklussiva tan-notifika ta' l-istima lir-Rikorrenti proprio et nomine entro t-terminu ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u dana partikolarment meta in segwitu ghall-ittra ufficjali ta' l-Intimat datata 3 ta' Jannar 2012 notifikata lir-Rikorrenti proprio et nomine, l-istess Intimat minflok ma ipproceda ulterjorment kontra r-Rikorrenti proprio et nomine bil-mod kif previst fil-Ligi[7], ammetta l-oggezzjoni taghhom ghall-istima avvanzata l-ewwel b'ittra datata 11 ta' Jannar 2012[8] u in segwitu b'ittra ohra datata 15 ta' Frar 2012[9] u accetta li jikkunsidraha w in segwitu ghadda biex fl-ewwel lok johrog *preliminary agreement*, li però ma giex accettat mir-Rikorrenti proprio et nomine[10], in segwitu biex jaghti decizjoni – kuntrarja ghar-Rikorrenti proprio et nomine – fit-22 ta' Mejju 2012[11] u johrog il-konsegwenti Likwidazzjoni fl-istess data[12].

Ai termini ta' l-Artikolu 56(1) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta *jekk xi persuna notifikata jew li tintlaqat b'avviz ta' likwidazzjoni tkun tixtieq tikkontesta dik il-likwidazzjoni, hi tista' tapplika ghand il-Kummissarju ghal revoka jew ghal revizjoni taghha b'avviz ta' oggezzjoni bil-miktub li jispecifika r-ragunijiet ghall-oggezzjoni ghall-likwidazzjoni u li jsir fi zmien <u>tletin gurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviz imsemmi qabel</u>[13]: Izda l-Kummissarju ghandu jtawwal l-imsemmi zmien skont kif ikun xieraq fic-*

[7] Artikolu 60B tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.
[8] Dok. "AP5" a fol. 26 tal-process.
[9] Dok. "AP4" a fol. 25 tal-process.
[10] Vide xhieda Ivan Portelli.
[11] Dok. "AP1" a fol. 9 sa' 11 tal-process.
[12] Fol. 12 u 13 tal-process. Procedura kontemplata fl-Artikolu 56(2) u (3) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.
[13] Sottolinear tat-Tribunal.

*cirkostanzi meta jkun sodisfatt li l-persuna ma setghetx tikkontesta l-likwidazzjoni minhabba nuqqas minn Malta, mard jew kull raguni xierqa ohra*[14].

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li oggezzjoni ghal stima mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi ghandha ssir fi zmien tletin gurnata minn meta t-*tax payer* jircievi dik l-istess stima, izda f'certi cirkostanzi fosthom fejn ikun hemm raguni xierqa, il-Kummissarju jista' jtawwal tali terminu b'dana li effettivament jammetti ghall-konsiderazzjoni oggezzjoni mressqa wara t-terminu imsemmi fil-Ligi. Fil-kaz in ezami johrog car li l-Intimat ra li kien hemm raguni xierqa ghalfejn ghandu jammetti ghall-konsiderazzjoni l-oggezzjoni sottomessa mir-Rikorrenti proprio et nomine wara li gew notifikati bl-ittra ufficjali datata 3 ta' Jannar 2012, u minn dak li rrizulta waqt is-smigh ta' dawn il-proceduri din ir-raguni xierqa hija li r-Rikorrenti proprio et nomine ma gewx notifikati bl-istima mahruga kontra taghhom fis-26 ta' Novembru 2009 u li l-ewwel darba li giet a konjizzjoni taghhom il-pretensjoni ta' l-Intimat ghall-hlas ta' taxxa u taxxa addizzjonali/penali in konnessjoni mat-trasferiment esegwit bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Patrizia Mallia datat 4 ta' Gunju 2009, kien man-notifika ta' l-ittra ufficjali datata **3 ta' Jannar 2012**.

Fid-dawl ta' dan l-Intimat kellu ai termini ta' dak kjarament dispost fil-Ligi u senjatament fl-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta u b'kuxxenza jirtira l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tar-Rikorrenti proprio et nomine u jikkancella l-istima mahruga kontrihom in kwantu din ma gietx notifikata lilhom entro t-terminu perentorju ta' sena prefiss fl-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li gie iktar 'l fuq stabbilit li n-Nutar Mallia tat Avviz lill-Kummissarju dwar it-trasferiment f'xi zmien bejn l-4 ta' Gunju 2009 u is-26 ta' Novembru 2009, u mhux jipprocedi qisu qatt ma gara xejn u jghaddi biex jirrifjuta l-oggezzjoni avvanzata mir-Rikorrenti proprio et nomine u johrog il-konsegwenti Likwidazzjoni kontra taghhom.

[14] Sottolinear tat-Tribunal.

Ghaldaqstant jirrizulta li l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti proprio et nomine huwa gustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti proprio et nomine u filwaqt li jiddikjara li t-talba ta' l-Intimat fil-konfront taghhom hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, jhassar u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Intimat u l-konsegwenti Likwidazzjoni bil-Kont Nru. IV111717 entrambe datati 22 ta' Mejju 2012.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mid-Direttur Generali (Taxxi Interni)

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------